Uffiċċju Komunikazzjoni
ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

*31 ta' Ottubru, 2011*

105/2011

**WASLA TAL-ISQOF EMANUEL BARBARA OFM Cap**

Il-komunita' tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini tixtieq tavża li llum it-Tnejn 31 ta' Ottubru, fis-1p.m., ser jasal Malta Mons. Emanuel Barbara OFM Cap, li ġie ordnat Isqof ta' Malindi fil-Kenja fl-1 ta' Ottubru 2011. L-Isqof Barbara ser ikun akkumpanjat minn Mons. Pawlu Darmanin, Isqof ta' Gariffa, l-Kenja. Huma ser jaslu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta (*Arrivals Lounge*) bit-titjira KM613 minn Ruma.

L-Isqof Barbara ser jiċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, nhar il-Ġimgħa 11 ta' Novembru 2011, fis-6p.m.